# Informazzjoni Dwar L-Għażla tas-Suġġetti tal-Vjaġġ Tiegħi

***(Kull taqsima għandu jkollha bejn 50-60 kelma)***

| |
|---|
| **Għażla tas-Suġġett**: Il-Kura tax-Xagħar u s-Sbuħija<br><br>*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*<br>**Applikata: ____**<br>**Akkademika**: ___<br>**Vokazzjonali:** x |
| **Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**<br>L-għan tal-programm vokazzjonali fil-Kura tax-Xagħar u s-Sbuħija huwa li jipprovdi lill-istudenti bl-għarfien bażiku relatat mal-ħiliet tax-xagħar u tas-sbuħija. Sa tmiem il-programm, il-kandidati huma mistennija li jkunu kisbu ħiliet suffiċjenti u għandhom ikunu jistgħu japplikaw l-għarfien u l-ħiliet f'ambjent ta' tagħlim. **Il-programm jixħet enfasi kbira fuq l-aspett prattiku waqt l-attivitajiet.** |
| **Lista ta' temi studjati:**<br>Tema 1 - Komunikazzjoni u konsultazzjoni<br>Tema 2 – Applikazzjoni tax-xampu u conditioner u trattament tal-kura tal-wiċċ<br>Tema 3 - Stil tax-xagħar u trattament tad-dwiefer. |
| **Attivitajiet involuti fil-klassi:**<br>Attivitajiet fi grupp u xogħol individwali, diskussjonijiet u attivitajiet prattiċi. L-istudenti jiksbu ħiliet bażiċi fil-kura tax-xagħar u s-sbuħija flimkien ma' dawk fil-komunikazzjoni u l-konsultazzjoni mal-klijent. L-istudenti se jkollhom l-opportunità li jipprattikaw l-applikazzjoni tax-xampu, haircuts bażiċi u blow dry, flimkien ma' manikjurs, pedikjurs u make-up bażiċi. |
| **Xogħol assenjat għad-dar:**<br>2 kompiti kull sena, flimkien ma' proġetti ta' riċerka u xogħol ta' tħejjija u konsolidazzjoni. |
| **Assessjar mogħti:**<br>L-Assessjar Annwali huwa bbażat kif ġej:<br>Kompitu 1 u 2 (xogħol tal-kors - 60% tas-sena) - ½ xogħol bil-miktub u ½ kompiti prattiċi<br>Kompitu 3 (karta tal-eżami - 40% tas-sena) - karta bil-miktub<br><br>Il-marki tad-9, l-10 u l-11-il sena huma kollha magħduda għall-grad tas-SEC (Livell Ordinarju). |
| **Lista ta' ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**<br>*a. Kapaċità li taħdem bħala individwu jew fi grupp*<br>*b. Kapaċità li twettaq ir-riċerka u tagħmel ir-referenzi meħtieġa*<br>*ċ. Komunikazzjoni u ħidma f'tim*<br>*d. Ħiliet fil-kura tal-klijenti*<br>*e. Kapaċità manwali*<br>*f. Kura u żamma tajba tal-post tax-xogħol.* |
| **Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**<br>*a. Komdu meta tkun qed taħdem b'idejk*<br>*b. Kapaċità li tibqa' għal żmien twil bilwieqfa*<br>*ċ. Livell tajjeb tal-Ingliż, il-Malti u l-Matematika*<br>*d. Kitba, qari u preżentazzjoni tal-ħiliet.* |
| **Isem tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni:** |

| **Indirizz Elettroniku**: |
|---|